

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10089/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0239 (COD)

LIMITE

COH 101
SOC 310
SAN 387
FIN 811
CADREFIN 261
POLGEN 146
CODEC 1087

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11769/25
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034 <i>- Approċċ ġenerali parzjali</i>

I. SFOND

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034¹. Il-proposta tikkomplementa l-proposta għal Regolament SNR, u tistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew taħt il-Fond uniku.
2. L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikoli 164 u 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-28 ta' April 2026².
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) għandu r-responsabbiltà ewlenija. Il-Membri tal-PE David Casa (PPE, MT, EMPL) u Marit Maij (S&D, NL, EMPL) inhattru korapporteurs.

II. KWISTJONIJIET EWLENIN

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi (Grupp ta' Ħidma SMOR) għandu l-mandat li jinneozja dwar il-proposta għal Regolament dwar il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni, bl-esklużjoni tal-elementi fil-parentesi li fadal għad-diskussjonijiet fl-AHWP MFF u li l-eżitu tagħhom huwa inkluż fil-kaxxa ta' negozjar.

¹ Id-dokument 11769/25.

² ĠU C, C/2026/1977, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1977/oj>.

6. Il-Grupp ta' Ħidma SMOR iddiskuta l-proposta f'żewġ laqgħat, fl-4 u s-26 ta' Mejju 2026. Il-Presidenza Ċiprijotta tat importanza partikolari lit-tisħiħ tal-fehim tal-Istati Membri dwar il-qafas propost, b'mod partikolari fid-dawl tal-kuntest usa' tal-proposta għal Regolament SNR.
7. F'aktar dettall, fil-proposti ta' kompromess tagħha l-Presidenza kellha l-għan li tistabbilixxi bilanċ aħjar bejn l-artikoli u l-premessi, li tipprovdi definizzjonijiet u kjarifiki relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, u li tarmonizzah mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament SNR.
8. L-eżitu ta' din il-ħidma huwa rifless fit-test tal-approċċ ġenerali parzjali.

III. KONKLUŻJONI

9. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dokument 10163/26, u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dokument 10163/26, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, biex il-Presidenza tkun tista' twettaq negozjati mal-Parlament Ewropew.
10. F'konformità mal-approċċ għat-trasparenza leġiżlattiva approvat mill-Coreper fl-14 ta' Lulju 2020, u b'konsistenza sħiħa mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, it-test tal-mandat hekk maqbul ser isir pubbliku għajr jekk joġġezzjona l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.